MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

**ONOR. IMHALLEF**
**JOSEPH ZAMMIT MC KEON**

Seduta tad-29 ta' Settembru, 2009

Citazzjoni Numru. 871/2007

**Galdes & Mamo (Trading) Limited (C450)**

**-vs-**

**AC Cars Manufacturing Limited (C30159)**

**Il-Qorti :**

**Rat** ir-rikors mahluf presentat fis-16 ta' Awissu 2007 li jghid hekk:

" 1. Illi s-socjeta' rikorrenti topera negozju illi jikkonsisti *inter alia* fl-importazzjoni u d-distribuzzjoni ta' merkanzija u *hardware* li tintuza fit-tiswija u/jew manifattura tal-vetturi, inkluza z-zebgha tal-karozzi ;

2. Illi s-socjeta' rikorrenti, fuq inkarigu tas-socjeta' intimata u fuq ordni taghha stess, bieghet lill-istess socjeta' intimata merkanzija illi tikkonsisti f'zebgha tal-

karozzi, u merce li tintuza ghat-tiswija u/jew manifattura tal-vetturi – u dana bhalma jirrizulta mill-prospett anness u mmarkata bhala DOK. GM1 ;

3. Illi sal-lum, ghad fadal bilanc ta’ sebat elef tliet mija u sebgha u hamsin liri Maltin u erbgha u tletin centezmi (Lm 7,357.34) ekwivalenti ghal sbatax-il elf mija u sebgha u tletin Euro u disgha u disghin Euro centezmi (€ 17,137.99) dovut mis-socjeta’ intimata, rapprezentanti hlas fuq din il-merce lilha mibjugh u debitament ikkonsenjat ;

4. Illi *inoltre*, wara ftehim bejn il-partijiet, is-socjeta’ rikorrenti kienet ikkonsenjat *Spray Booth, Preparation Booth and Paint Mixing Room* tad-ditta SAIMA lis-socjeta’ intimata, liema *Booth* ghandu valur ta’ ghaxart elef liri Maltin (Lm 10,000) ekwivalenti ghal tlieta u ghoxrin elf mitejn tlieta u disghin Euro u tlieta u sebghin Euro centezmi (€ 23,293.73) li minnhom is-socjeta’ intimata hallset biss l-ammont ta’ hamest elef Lira (Lm 5000) ekwivalenti ghal hdax-il elf sitt mija sitta u erbghin Euro sebgha u tmenin Euro centezmi (€ 11,646.87) li jfisser li fadal x’jithallas bilanc ta’ hamest elef Lira (Lm 5000) ekwivalenti ghal hdax-il elf sitt mija sitta u erbghin Euro sebgha u tmenin Euro centezmi (€ 11,646.87) ;

5. Illi ghalhekk l-ammont komplessiv dovut mis-socjeta’ intimata huwa ta’ tnax-il elf tliet mija u sebgha u hamsin Liri Maltin u erbgha u tletin centezmi (Lm 12,357.34) ekwivalenti ghal tmienja u ghoxrin elf seba’ mija u erbgha u tmenin Euro u sitta u tmenin Euro centezmi (€ 28,784.86) ;

6. Illi nterpellata sabiex thallas permezz ta’ ittra legali tat-8 ta’ Awwissu 2007 (DOK GMI.2) is-socjeta’ intimata baqghet inadempjenti u kwindi kellhom jigu ntavolati l-proceduri odjerni ;

Ghaldaqstant u ghar-ragunijiet suesposti, is-socjeta’ rikorrenti titlob lil din l-Onorabbli Qorti sabiex :

1. Tiddikjara illi s-socjeta' intimata hija debitrici tas-socjeta' rikorrenti fis-somma komplessiva ta' tnax-il elf tliet mija u sebgha u hamsin Liri Maltin u erbgha u tletin centezmi (Lm 12,357.34) ekwivalenti ghal tmienja u ghoxrin elf seba' mija u erbgha u tmenin Euro u sitta u tmenin Euro centezmi (€ 28,784.86) ;

2. Tikkundanna lis-socjeta' intimata sabiex thallas lis-socjeta' rikorrenti s-somma ta' tnax-il elf tliet mija u sebgha u hamsin Liri Maltin u erbgha u tletin centezmi (Lm 12,357.34) ekwivalenti ghal tmienja u ghoxrin elf seba' mija u erbgha u tmenin Euro u sitta u tmenin Euro centezmi (€ 28,784.86) bl-imghaxijiet mid-data tal-prezentata ta' dawn l-atti sal-gurnata tal-pagament effettiv ;

Bl-ispejjez, inkluzi tal-Mandat ta' Sekwestru Kawtelatorju numru (*sic*)/2007 u tal-Mandat ta' Qbid Kawtelatorju (*sic*)/2007 ppresentati kontestwalment ma' dawn l-atti, kontra s-socjeta' intimata li hija minn issa ngunta ghas-subizzjoni. "

**Rat** il-lista tax-xhieda ndikati mis-socjeta' attrici flimkien mad-dokumenti li ppresentat.

**Rat** ir-risposta mahlufa tas-socjeta' konvenuta presentata fit-2 ta' Ottubru 2007 li tghid hekk:-

" 1. Illi fl-ewwel lok, is-socjeta' esponenti tammetti u ma taghmel l-ebda opposizzjoni ghall-fatti dedotti fl-ewwel zewg paragrafi tar-rikors promotur u tammetti wkoll illi l-ammont ta' Lm 7357.34 [ekwivalenti ghal sbatax-il elf mija u sebgha u tletin Euro u disgha u disghin centezmi (€ 17,137.99)] indikat fil-paragrafu tlieta (3) tar-rikors promotur huwa dovut minnha a favur tas-socjeta' rikorrenti rapprezentanti il-bilanc tal-prezz ta' merce mibjugha u kkonsenjata lis-socjeta' esponenti. In-nuqqas ta' hlas huwa biss dovut ghas-sitwazzjoni finanzjarja prekarja tas-socjeta' intimata u mhux minhabba xi kontestazzjoni.

2. Illi in kwantu ghall-kumplament tar-rikors promotur, il-fatti kif dedotti mis-socjeta’ rikorrenti huma skorretti u imprecizi.

3. Illi l-ammont pretiz mis-socjeta’ rikorrenti u cioe’ Lm 12,357.34 (ekwivalenti ghal € 28,784.86) huwa eccessiv u ma jirriflettix u ma jikkostitwix it-total verament dovut lis-socjeta’ rikorrenti.

4. Illi s-somma ta’ hamest elef Lira Maltin (Lm 5000) [ekwivalenti ghal hdax-il ef sitt mija u sitta u erbghin Ewro (€ 11,646.87)] indikata fil-paragrafu erbgha (4) tar-rikors mhix dovuta mis-socjeta’ intimata ghar-ragunijiet segwenti :

Illi fis-sena 2004, is-socjeta’ intimata, li kienet u ghadha topera negozju ta’ assemblagg u manifattura ta’ vetturi gewwa Malta, bdiet taghmel negozju mas-socjeta’ rikorrenti u kienet taghmel ordnijiet u tixtri diversi prodotti necessarji u ndispensabbli ghan-negozju taghha minghand is-socjeta’ rikorrenti ;

Illi fis-17 ta’ Dicembru 2004 il-kontendenti ffirmaw ftehim (kopja annessa u mmarkata DOK A) li permezz tieghu l-kontendenti ftehmu illi jakkwistaw flimkien attrezzatura *ossia* Second Hand Saima Spray Booth, Preparation Area and Paint Mixing Room, liema attrezzaturi kellhom jibqghu fil-pussess tas-socjeta’ esponenti sabiex jintuzaw minnha, u l-istess socjeta’ esponenti kienet responsabbli ghall-manutensjoni ta’ l-istess attrezzaturi ;

Illi l-prezz totali ta’ dawn l-attrezzaturi kien jammonta ghal total ta’ ghaxart elef seba’ mija u hamsin Lira Maltin (Lm 10,750) ekwivalenti ghal tlieta u ghoxrin elf mitejn u tlieta u disghin Ewro u tlieta u sebghin Ewro centezmi (€ 23,293.73) ;

Illi *ai termini* tal-istess ftehim, is-socjeta’ rikorrenti hallset hamsin fil-mija tal-prezz ta’ dawn l-attrezzaturi b’dan illi tkun propjetarja ta’ nofs indiviz tal-istess, filwaqt illi s-socjeta’ esponenti obbligat ruhha illi thallas ir-

rimanenti hamsin fil-mija li fil-fatt hallset u obbligat ukoll ruhha ghal perijodu ta’ sitt snin (li ghalhekk jiskadi f’Dicembru 2010) illi tixtri certu prodotti indikati fl-istess ftehim esklussivament mis-socjeta’ rikorrenti ;

Illi s-socjeta’ esponenti hallset hamsin fil-mija tal-prezz ta’ l-attrezzaturi u cioe’ il-prezz ghas-sehem indiviz fl-istess ammontanti ghal hamest elef lira Maltin (Lm 5000) ekwivalenti ghal hdax-il elf sitt mija u sitta u erbghin Ewro u sebgha u tmenin Euro centezmi (€ 11,646.87) u *inoltre* rrispettat il-ftehim *stante* li sal-lum, is-socjeta’ esponenti rrispettat u ghadha tirrispetta l-esklussivita’ ;

Illi *ai termini* ta’ l-istess skrittura, senjatament il-paragrafu tlieta (3) tal-ftehim, is-socjeta’ rikorrenti hija propjetarja ta’ nofs indiviz ta’ l-imsemmija Saima Spray Booth filwaqt illi s-socjeta’ esponenti hija propjetarja tar-rimanenti nofs indiviz: “*This equipment shall remain the **joint property** of the two companies …*”

Illi gialadarba l-esponenti hallset hamest elef Lira Maltin (Lm 5000) ekwivalenti ghal hdax-il elf sitt mija u sitta u erbghin Ewro u sebgha u tmenin Euro centezmi (€ 11,646.87) ghas-sehem taghha fl-attrezzaturi, is-socjeta’ esponenti ma ghandha taghti l-ebda somma ohra in konnessjoni ma’ l-attrezzaturi msemmija ;

Illi ghalhekk it-talba ghall-hlas ta’ hamest elef Lira Maltin (Lm 5000) ekwivalenti ghal hdax-il elf sitt mija u sitta u erbghin Ewro u sebgha u tmenin Euro centezmi (€ 11,646.87) dedotta f’paragrafu erbgha (4) tar-rikors promotorju, tikkostitwixxi talba ghall-hlas ta’ ammont illi mhux dovut mis-socjeta’ intimata *stante* illi l-ammont ta’ Lm 5000 mitlub jirrapprezenta l-prezz ta’ dritt indiviz fuq propjeta’ li akkwistat u li tappartjeni lis-socjeta’ rikorrenti stess is-socjeta’ rikorrenti ma tistax titlob hlas ghall-prezz ta’ oggett illi tappartjeni lilha stess ;

5. Illi s-socjeta’ rikorrenti hija ben konxja ta’ l-ezistenza tal-ftehim minnha ffirmat u s-sehem taghha fuq l-attrezzaturi illi taghhom qed tippretendi l-hlas u ghalhekk it-talba taghha in kwantu tirrigwarda l-ammont ta’ hamest

elef Lira Maltin (Lm 5000) ekwivalenti ghal hdax-il elf sitt mija u sitta u erbghin Ewro u sebgha u tmenin Euro centezmi (€ 11,646.87) hija ghaldaqstant abbusiva ;

Salvi eccezzjonijiet ulterjuri. ”

**Rat** il-lista tax-xhieda ndikati mis-socjeta’ konvenuta flimkien mad-dokumenti li ppresentat ;

**Gharblet** il-provi li ressqu l-partijiet ;

**Rat** l-atti kollha tal-kawza ;

**Rat** in-noti ta’ sottomissjonijiet tal-partijiet ;

**Rat** id-digriet ta’ din il-Qorti tat-30 ta’ April 2009 fejn il-kawza thalliet ghas-sentenza ghall-udjenza tal-lum;

**Ikkunsidrat –**

L-istanza tas-socjeta’ attrici tingabar fix-xhieda bl-affidavit ta’ Andrew Mamo u d-dokumenti li kienu annessi kemm ma’ dak l-affidavit kif ukoll mar-rikors mahluf promotur.

Skond is-socjeta’ attrici, il-fatti kienu dawn -

Is-socjeta’ attrici (“GMT”) timporta prodotti taz-zebgha li tintuza fil-manifattura jew tiswija tal-karozzi. Timporta wkoll prodotti ohra nkluz ghodda relatati ma’ dak il-qasam. Is-socjeta’ konvenuta (“AC Cars”) kienet timmanifattura vetturi lussuzi u esklussivi. Fid-29 ta’ Novembru 2003, Julian Zammit (“Zammit”) ghal AC Cars ippropona lil Andrew Mamo (“Mamo”) ta’ GMT li AC Cars tixtri minghandha jekk GMT tipprovdiha bi *spray booth*. Zammit rega’ ghamel kuntatt fis-16 ta’ Dicembru 2003 permezz ta’ *email* (DOK GM2) lil Mamo fejn ippropona li jixtri minghand GMT minflok il-kompetituri taghha u ndika l-pjani tal-produzzjoni li kellha AC Cars. Fid-29 ta’ April 2004, Mamo ghamel proposta lil Zammit wara li Mamo kien kiseb l-appogg tal-fornituri esteri ta’ GMT ghall-progett. Gara li dawn il-fornituri bidlu l-hsieb u minhabba f’hekk fil-11 ta’ Mejju 2004 Mamo avza lil Zammit li GMT

ma kenitx se tkompli bil-progett. Wara izda Zammit u Mamo ftehmu li jidhlu ghall-progett fuq bazi ta’ 50/50 bejniethom bl-intiza li jinzammu l-*production targets* indikati fid-DOK GM2. *Cio’ nonostante* sal-10 ta’ Gunju 2004, Zammit baqa’ jittratta ma’ kompetituri ta’ GMT. Fil-11 ta’ Gunju 2004, Zammit accetta li jiftiehem ma’ GMT. Bhala rizultat ta’ inkontru li sar fit-8 ta’ Lulju 2004, AC Cars tat *cheque* ta’ Lm 5000 lil GMT li kien nofs il-prezz shih tal-*spray booth*. Dak ic-*cheque* kellu jissarraf wara li l-*spray booth* jigi konsenjat fil-fabbrika ta’ AC Cars. Fil-fatt il-konsenja saret u l-apparat kien armat fil-fabbrika ta’ AC Cars gewwa Hal-Far. Fis-17 ta’ Dicembru 2004 iffirmaw il-ftehim ta’ bejniethom (DOK GM11). Sad-data tal-iffirmar, ic-*cheque* ta’ Lm 5000 ta’ AC Cars kien diga’ ssarraf.

Ghall-prodotti li AC Cars kienet tixtri minghand GMT, kienet tohrog *delivery note* bhala prova tal-konsenja u *invoice* ghall-hlas. Sad-9 ta’ Awissu 2005, AC Cars ma hallset l-ebda *invoice*. L-*invoices* kienu jlahhqu Lm 3,245.29. Kien hemm ukoll kwazi Lm 6000 ohra li GMT nefqet sabiex inxtara, izzarma u ngarr l-*spray booth and oven* u li wara rega’ gie armat fil-fabbrika ta’ AC Cars. Fid-9 ta’ Awissu 2005, Mamo baghat *email* lil Alan Lubinsky (“Lubinsky”) direttur ta’ AC Cars fejn talab il-hlas u sar pagament ta’ Lm 547.10c biss. Minkejja sejha ohra ghall-hlas, baqa’ ma sar l-ebda hlas iehor. Ghalhekk fis-17 ta’ Ottubru 2005 inbaghtet ittra formali (DOK GM15). Hemm mhux biss kienu senjalati l-pendenzi izda anke l-fatt li l-*production targets* ma kienux qed jinzammu minn AC Cars. Ghalhekk GMT ma kenitx qed tiehu *return* fuq l-investiment taghha. Lubinsky wiegeb *b’email* (DOK GM16) li AC Cars ma kellhiex flus biex thallas il-kontijiet pero’ talab zmien ghall-hlas. Sat-3 ta’ Frar 2006 il-bilanc favur GMT kien lahaq Lm 4,500 bl-AC Cars tibqa’ taghmel ordnijiet godda bil-weghda tal-hlas. Fis-26 ta’ Lulju 2006, il-kont kien tela’ ghal kwazi Lm 7,000 bla ma jsir l-ebda pagament. Wara solleciti da parti ta’ GMT, AC Cars hallset akkont ta’ Lm 488.38 fil-25 ta’ Settembru 2006. Minkejja diversi promessi, AC Cars baqghet ma hallset xejn. Ghalhekk saret il-kawza.

**Ikkunsidrat –**

Min-naha, is-socjeta' konvenuta, permezz tad-direttur taghha John Francis Owen, tghid li Zammit kien id-direttur manigerjali ta' AC Cars minn meta kienet kostitwita f'Malta sa ma rrizenja f'Novembru 2004. Zammit miet f'Marzu 2005. Dwar il-ftehim bejn il-partijiet, imkien ma jirrizulta li AC Cars kellha trodd lil GMT il-Lm 5000 li din tal-ahhar kienet harget ghall-akkwist tal-*spray booth* fil-kaz ta' nuqqas jew tmiem tal-ftehim. Ghalkemm AC Cars xtrat iz-zebgha minghand GMT, ma setghetx thallas lil GMT ghal ragunijiet mhux imputabbli ghal GMT. B'sehh minn Awissu 2006, il-prodott beda jinxtara fuq basi ta' *cash sale*. AC Cars waqfet topera f'Dicembru 2007. L-i*spray booth* qed jinzamm minn Mamo.

**Ikkunsidrat –**

Is-sottomissjonijiet tas-socjeta' attrici fil-qosor kienu dawn –

1) Il-flus li sborsat GMT ghax-xiri, trasport u stallazzjoni tal-i*spray booth* kienu l-investiment taghha fin-negozju li sar ma' AC Cars fuq insistenza ta' din tal-ahhar u l-kuntratt kien iffirmat sabiex il-partijiet jirregolaw il-posizzjoni taghhom.

2) L-intiza ma' AC Cars kien li n-negozju jsir fl-ghamla ta' *joint venture* fuq bazi ta' 50/50 bejn iz-zewg kumpanniji fil-kuntest ta' *production targets* li kellha tilhaq AC Cars. B'hekk bil-bejgh taz-zebgha favur AC Cars, GMT kienet tigbor lura l-flus li tkun investiet.

**Ikkunsidrat –**

Is-sottomissjonijiet tas-socjeta' konvenuta fil-qosor kienu dawn –

1) Taccetta li hija debitrici ta' GMT fl-ammont ta' € 17,137.99 bhala bilanc tal-prezz ta' merkanzija lilha mibjugha u kkonsenjata.

2) Tikkontesta li ghandha thallas lil GMT is-somma ta' € 11,646.87 ekwivalenti ghal Lm 5000 in konnessjoni mal-i*spray booth.*

3) Il-ftehim bejn il-partijiet kien ighid li AC Cars kellha tixtri esklussivament il-prodotti sabiex tmexxi n-negozju taghha minghand GMT u bhala l-parti taghha tan-negozju GMT kellha tohrog nofs il-prezz tal-*spray booth.*

4) Skond il-ftehim tas-17 ta' Dicembru 2004, kemm GMT u AC Cars kienu kompropjetarji ta' l-i*spray booth.* Imkien ma jirrizulta mill-ftehim li AC Cars kellha trodd lil GMT il-flus li harget ghall-*ispray booth.*

**Ikkunsidrat –**

L-azzjoni attrici hija *ex contractu*. Ghalkemm hija azzjoni wahda, tikkomprendi zewg pretensjonijiet distinti. Fl-ewwel pretensjoni, GMT tghid li bieghet u kkonsenjat merkanzija lil AC Cars u din tal-ahhar fadlilha thallas bilanc ta' Lm 7357.34 [ekwivalenti ghal sbatax-il elf mija u sebgha u tletin Euro u disgha u disghin centezmi (€ 17,137.99)] (DOK GM1(. Min-naha taghha AC Cars taccetta li hija debitrici ghal dak l-ammont. Fit-tieni pretensjoni, GMT tghid li ghandha tiehu minghand AC Cars is-somma ta' Lm 5000 [ekwivalenti ghal hdax-il ef sitt mija u sitta u erbghin Euro u sebgha u tmenin centezmu (€ 11,646.87)] bhala sehemha mill-flus li nvestiet fin-negozju li kellha ma' AC Cars, liema negozju ma rnexxiex minhabba inadempjenzi da parti ta' AC Cars. Min-naha taghha AC Cars tikkontesta li GMT ghandha tiehu dawn il-flus.

In-negozju bejn il-partijiet jirrizulta mill-kuntratt tas-17 ta' Dicembru 2004 (DOK GM11 – fol.45 et seq) esebit mis-socjeta' attrici u li huwa l-istess bhal dak esebit mis-socjeta' konvenuta (DOK A – fol.19 et seq). Kif issottomettiet is-socjeta' attrici fin-nota taghha, dak <u>il-kuntratt kien iffirmat sabiex il-partijiet jirregolaw il-posizzjoni taghhom</u>. Ghalhekk ghal din il-Qorti, id-drittijiet u l-obbligi tal-partijiet ghandhom jirrizultaw f'dak il-kuntratt ghaliex jirrappresenta s-sintesi ta' sensiela ta' kuntatti u

trattattivi kondotti bejn il-partijiet (bit-tlugh u nzul tipiku ta' kull negozjat) li bdew fid-29 ta' Novembru 2003 u waslu fit-tmiem taghhom bil-firma tal-kuntratt fis-17 ta' Dicembru 2004.

L-Art.1002 tal-Kap.16 tal-Ligijiet ta' Malta jghid li *meta l-kliem ta' konvenzjoni, mehud fis-sens li ghandu skond l-uzu taz-zmien tal-kuntratt, huwa car, ma hemmx lok ghal interpretazzjoni.*

Fis-sentenza moghtija fil-5 ta' Ottubru 1998 mill-Qorti tal-Appell fil-kawza "**Beacom et vs Spiteri Staines**" jinghad hekk –

*Il-principju kardinali li jirregola l-istatut tal-kuntratti jibqa' dejjem dak li l-vinkolu kontrattwali ghandu jigi rispettat u li hi l-volonta' tal-kontraenti kif espressa fil-konvenzjoni li kellha tipprevali u trid tigi osservata – pacta sunt servanda … Illi l-gurisprudenza nostrali hi kostanti filli rriteniet li ma hiex ammissibbli l-prova testimonjali kontra jew in aggjunta ghall-kontenut ta' att miktub u hi talvolta ammessa biex tikkjarifika l-intenzjoni tal-partijiet meta din hi espressa b'mod ambigwu (Vol.XXXIV.III.746)*

Il-Qrati taghna qalu wkoll li *jkunu obbligati jinterpretaw il-konvenzjoni meta f'kuntratt il-partijiet ma jkunux spjegaw ruhhom car, jew posterjorment ghall-kuntratt jintervjeni avveniment li jkollu bhala konsegwenza kwistjoni li ma tkunx giet preveduta u li kien hemm bzonn li tigi maqtugha, u din ghandha tigi primarjament interpretata skond l-intenzjoni tal-partijiet li jkunu hadu parti fil-kuntratt u li tkun tidher car mill-kumpless tal-konvenzjonijiet* ("**Xuereb vs Terreni**" – PA/RCP – 12 ta' Lulju 2001).

Il-Qrati taghna komplew jesprimu l-hsieb taghhom kif gej –

1. *Meta l-kontraenti jinkorporaw fi skrittura l-ftehim ta' bejniethom ghandu jigi prezunt li dak li riedu jiftehmu fuqu nizzluh f'dik l-iskrittura. Ghalhekk m'ghandux ikun lecitu li wiehed mill-kontraenti jdahhal f'dak il-ftehim klawsoli ohra li mill-kitba ma jirrizultawx, jekk ma jkunux klawsoli sekondarji li jkunu qeghdin ifissru jew jiccaraw il-klawsoli*

*principali* ("**Farrugia vs Piscopo**" – Qorti tal-Appell – 31 ta' Mejju 1943 – Vol.XXXI.I.627)

2. *Ghalkemm huwa veru li provi orali jistghu jigu ammessi biex jigu delucidati punti oskuri ta' kitba, jew f'kazi ta' impunjazzjoni ta' dik il-kitba, izda l-provi orali mhumiex ammissibbli biex ifissru dak li nnifsu huwa diga' car* ("**Attard vs Mamo**" – Qorti tal-Appell – Vol.XXXI.I.441)

3. *Ir-regola li kontra l-prova miktuba ma tistax tigi ammessa prova testimonjali mhix applikabbli meta l-prova tigi offerta biex tigi mfissra ahjar l-intenzjoni tal-kontraenti li tkun espressa b'mod ambigwu jew oskur, jew meta jrid jigi pruvat xi fatt incidentali jew accessorju li jkun konciljabbli ma' l-att* ("**Mifsud vs Mifsud**" – PA – 27 ta' Jannar 1937 – Vol.XXIX.II.1203)

Din il-Qorti tqis l-ewwel sentenza tal-kuntratt tas-17 ta' Dicembru 2004 bhala introduzzjoni, fis-sens li meta qed issir riferenza ghall-*presentation* tad-29 ta' April 2004, dik kienet ic-cirkostanza (mfissra minn Andrew Mamo fl-affidavit tieghu) fejn kien ippropona lil Julian Zammit ta' AC Cars li jsir in-negozju ta' bejniethom wara li kien kiseb l-appogg tal-fornituri esteri ta' GMT ghall-progett. Hija semplici introduzzjoni ghax irrizulta mix-xhieda tal-istess Mamo li dawk il-fornituri bidlu l-hsieb u minhabba f'hekk fil-11 ta' Mejju 2004 avza lil Zammit li GMT ma kenitx se tkompli bil-progett. Mela l-hsieb wara dik ir-riferenza kienet sabiex jinghad *f'sentenza wahda* kif twieled il-progett, madanakollu l-pattijiet precizi tal-ftehim kellhom jirrizultaw f'dak li kien se jsegwi fil-kuntratt tas-17 ta' Dicembru 2004.

Il-Qorti tghid li l-pattijiet indikati fil-kuntratt *de quo*, li incidentalment kien traskritt fuq *letterhead* tas-socjeta' attrici, ma jirriflettix l-aspettattivi ta' GMT dwar il-pretensjoni taghha ghal rimbors ta' Lm 5000 minghand AC Cars. Kuntrarjament ghal dak li xehed Andrew Mamo, il-ftehim miktub bejn il-partijiet ma jaghmel l-ebda riferenza ghal *production targets* li skond Mamo kellha tilhaq AC Cars. Lanqas ma jghid kif eventwali

inadempjenza da xi parti kellha tkun regolata. Li certament ighid il-kuntratt huwa li ghax GMT sborsat nofs il-prezz tal-*spray booth,* nofs l-ispejjes tal-izmontar u l-ispejjes tat-trasport (imbaghad ghal xi raguni f'din il-kawza qed tesigi rifuzjoni ta' nofs il-prezz tal-i*spray booth* biss) AC Cars kienet se tkun obbligata li ghal perijodu ta' sitt snin tixtri serje ta' prodotti specifikament elenkati u deskritti fil-kuntratt esklussivament minghand GMT. Il-partijiet ftehmu wkoll li *spray booth* kien se jibqa' *the joint property of the two companies.* Din il-Qorti tghid li l-pretensjoni ta' GMT ghar-rimbors ta' Lm 5000 kif dedotta hija nfondata *una volta* l-kuntratt ighid li l-*spray booth* kien propjeta' tat-tnejn. Jekk jidhrilha li ghandha tigbor dak li sborsat, GMT trid tistharreg toroq ohra pero' mhux dik minnha ntrapresa f'din il-kawza. Il-ftehim huwa car u ma hemmx x'tinterpreta fih. Li kieku l-partijiet riedu jispecifikaw obbligi ohra, meta fejn riedu jkunu specifici hekk sar, dak li ftehmu dwaru kienu jnizzluh fl-iskrittura. Fil-kaz in esami rrizulta li dak li ftehmu dwaru l-partijiet tnizzel fil-kuntratt.

**Ghar-ragunijiet kollha premessi, din il-Qorti qeghda tiddeciedi l-kawza hekk–**

**1) Tilqa' l-ewwel talba attrici limitatament billi, anke in vista tal-ammissjoni tas-socjeta' konvenuta, tiddikjara illi s-socjeta' konvenuta hija debitrici tas-socjeta' attrici fis-somma ta' sbatax-il elf mija u sebgha u tletin Euro disgha u disghin centezmi (€ 17,137.99) li tirrappresenta bilanc ta' somma akbar, prezz ta' merkanzija lilha mibjugha u kkonsenjata, u waqt li tilqa' t-tieni eccezzjoni tas-socjeta' konvenuta, tirrespingi bhala nfondata l-pretensjoni tas-socjeta' attrici ghall-hlas tal-bqija ta' l-ammont mitlub.**

**2) Tilqa' konsegwentement it-tieni talba attrici limitatament billi tikkundanna lis-socjeta' konvenuta sabiex thallas lis-socjeta' attrici s-somma ta' sbatax-il elf mija u sebgha u tletin Euro disgha u disghin centezmi (€ 17,137.99) bilanc ta' somma akbar, prezz ta' merkanzija lilha mibjugha u kkonsenjata, bl-**

**imghax legali mid-data tal-presentata tar-rikors mahluf sad-data tal-effettiv pagament.**

**3) Tordna li l-ispejjes ta' din il-kawza jithallsu in kwantu ghal sittin fil-mija (60%) mis-socjeta' konvenuta u in kwantu ghal erbghin fil-mija (40%) mis-socjeta' attrici.**

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------